

## POŻIZZJONI VAKANTI

### Espert tal-Prevenzjoni u l-Kontroll ta' Mard li Jittieħed

Unità: Varji

Referenza: ECDC/AD/2022/VAR-ECDCP

Qegħdin jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

### Deskrizzjoni tal-impjieg

Id-detentur tal-impjieg se jikkontribwixxi għall-ħidma wiesgħa tal-ECDC dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' mard li jittieħed. Skont il-profil tal-kandidat u l-ħtiġijiet taċ-Ċentru f'dak iż-żmien, il-ħidma se tkun jew speċifikament relatata ma' kwalunkwe wieħed mill-oqsma tal-mard tagħna, mal-Coronavirus u mal-Influenza (CAI), mal-Mard li jista' jiġi evitat bit-Tilqim u l-Immunnizzazzjoni (VPI), mal-STI, mal-Viruses li Jinġarru fid-Demm u mat-TB (SBT), ir-Reżistenza Antimikrobika u l-Infezzjonijiet Assoċjati mal-Kura tas-Saħħa (ARHAI), il-Mard trażmess mill-Ikel u mill-Ilma (FWD) jew il-Mard Emerġenti u l-Mard li jinġarr minn Vetturi (EVED), fl-Unità tal-Programm tal-Mard, jew aktar ħidma trasversali dwar l-Appoġġ għat-Tħejjija għal Emerġenza u għar-Rispons (EPRS) fl-Unità tal-Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika.

L-ECDC qed ifittex li jimpjega minnufih 6 esperti fl-oqsma tas-CAI, tas-SBT u tal-EPRS, iżda jixtieq ukoll jistabbilixxi lista ta' riżerva xierqa għall-oqsma wiesgħa ta' ħidma elenkati hawn fuq.

Skont il-profil u l-għarfien espert tal-kandidat u l-ħtiġijiet tal-pożizzjoni speċifika li għandha timtela, id-detentur tal-impjieg se jkun responsabbli b'mod partikolari għal attivitajiet fl-oqsma tax-xogħol li ġejjin:

- Jappoġġa lill-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u lill-Kummissjoni Ewropea permezz ta' evidenza xjentifika, rieżamijiet sistematiċi tal-letteratura, rapporti tekniċi, dokumenti ta' gwida, eżerċizzji ta' simulazzjoni, rieżamijiet fl-azzjoni u wara l-azzjoni, u żjarat fil-pajjiżi;
- L-analiżi, l-interpretazzjoni u t-tixrid ta' sorveljanza u ta' *data* epidemjoloġika oħra;
- Jikkontribwixxi għal aktar żvilupp ta' għodod epidemjoloġiċi u mikrobijoloġiċi (bażijiet tad-*data*, pakketti tal-analiżi, sistemi ta' skambju tal-informazzjoni) u materjali tat-taħriġ;
- Jikkoopera u jikkollabora b'mod attiv ma' partijiet ikkonċernati interni u esterni u jipparteċipa f'networks tal-ECDC rilevanti għat-tiħiħ tal-kooperazzjoni tal-ECDC mal-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE;

- Jikkoordina mal-partijiet ikkonċernati ewlenin mill-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u ma' organizzazzjonijiet sħab biex jiġu vvalutati l-ħtiġijiet fir-rigward ta' appoġġ tal-ECDC;
- Jipprovdi pariri esperti lill-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE għall-monitoraġġ, l-interpretazzjoni u l-valutazzjoni tat-theddid ta' mard li jittieħed u l-perċezzjonijiet tar-riskju relatati;
- Jiżgura l-produzzjoni f'waqtha ta' valutazzjonijiet rapidi u ta' kwalità għolja bbażati fuq l-evidenza ta' riskji/tifqigħat u outputs relatati oħra b'rispons għal theddid ta' mard li jittieħed;
- Jipparteċipa fl-iskjeramenti fuq il-post biex jappoġġa missjonijiet ta' rispons fl-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE u f'pajjiżi terzi, b'kollaborazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tal-UE u ma' sħab mhux tal-UE;
- Imexxi proġetti ta' kuntratti tas-servizz ma' kuntratturi esterni;
- Jikkontribwixxi għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu;
- Jista' jintalab jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

## Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

### A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma ta' mill-anqas tliet snin attestati b'diploma<sup>1</sup>;
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek<sup>2</sup>;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)<sup>3</sup>;
- Tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-ligijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tissodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

### B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga, identifikajna *kriterji essenzjali* fir-rigward tal-*esperjenza professjonali* u l-*karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali*. Dawn huma:

1 Għandhom jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija.

2 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew aktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali, il-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' lingwa terza tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

3 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

## Esperjenza professjonali/għarfien:

- Mill-inqas 5 snin ta' esperjenza professjonali (wara l-għoti tad-diploma), li mill-inqas 3 snin minnhom iridu jkunu f'impjegji rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Lawrja universitarja jew postgradwatorja fil-qasam tal-mediċina, ix-xjenzi bijomediċi, is-saħħa pubblika, l-epidemjoloġija jew qasam ieħor rilevanti għall-pożizzjoni, inkella, diploma postgradwatorja minn Programm ta' Taħriġ fl-Epidemjoloġija tal-Qasam (EPIET jew programm nazzjonali ekwivalenti);
- Esperjenza ta' xogħol mixhuda bi prova (preferibbilment tinkludi rwoli ta' koordinazzjoni nazzjonali u/jew internazzjonali) fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed fil-livell nazzjonali u/jew internazzjonali, u/jew esperjenza ta' xogħol mixhuda bi prova fit-tnejja għal emerġenza, fid-detezzjoni tat-theddid u/jew fl-investigazzjoni ta' tifqigħa;
- Esperjenza u ħiliet mixhuda bi prova fl-analiżi tad-*data* epidemjoloġika bl-użu ta' software statistiku (preferibbilment R) kif ukoll interpretazzjoni ta' informazzjoni xjentifika oħra;
- Esperjenza mixhuda bi prova fil-komunikazzjoni ta' informazzjoni xjentifika lill-professionisti tas-saħħa pubblika kif ukoll lil udjenza usa', speċjalment permezz ta' preżentazzjonijiet orali u permezz tal-pubblikazzjoni ta' artikli xjentifiċi;
- Livell eċċellenti tal-Ingliš, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

## Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Tkun xprunat(a) mill-kwalità u orjentat(a) lejn is-servizz;
- Ikollok il-ħila li taħdem b'mod kollaborattiv u li tibni relazzjonijiet tax-xogħol b'saħħithom;
- Tkun orjentat(a) lejn ir-riżultati u tkun kapaċi tieħu inizzjattiva;
- Ikollok ħiliet organizzattivi b'saħħithom u l-abbiltà li taħdem taħt pressjoni.
- Ikollok ħiliet analitiċi eċċellenti.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

## Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi ta' età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, ġeneru jew orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

## Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjeg

Id-detentur tal-impjeg se jinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat magħżul se jiġi rreklutat bħala Aġent Temporanju, skont l-artikolu 2f) tal-Kundizzjonijiet tal-Impjieg ta' Aġenti Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 5**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu biex itemmu b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kundizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

## Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-reklutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

## Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal dan il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz ta' sistema ta' reklutaġġ elettroniku, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u sottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija d-data ppubblikata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel l-iskadenza fil-każ li tiffaċċja kwistjonijiet tekniċi u/jew ikun hemm traffiku kbir fuq is-sit web. L-ECDC mhuwa se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert(a) li l-indirizz tal-email li tipprovidi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-reklutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-reklutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

It-traduzzjonijiet għal din il-pożizzjoni vakanti se jiġu ppubblikati fil-lingwi kollha tal-UE dalwaqt.